# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 6 ta' Frar 2020**

**Kawza Numru: 34**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 956/2019 JVC**

**Earli Limited (C-8094)**

**vs**

**Jason Galea**

**Il-Qorti,**

Il-Qorti rat ir-Rikors Guramentat bil-giljottina datat 9 ta' Ottubru, 2019 li jaqra kif isegwi;

'Illi s-socjeta` rikorrenti hija l-propjetarja assoluta tal-fond 49, Flat 3 Triq San Patrizju l-Belt Valletta Malta u dan kif jirrizulta mill-att pubbliku datat nhar l-ghaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta

(2006) u ppublikat fl-atti tan-nutar Marco Burlo′ (kopja hawn annessa u mmarkat bhala dok EL 001);

Illi s-socjeta′ rikorrenti tramite l-agenti taghha kemm-il darba pprovat taccedi ghal-fond in kwestjoni izda l-access ma kienx possibbli;

Illi minn ricerki li saru mis-socjeta′ rikorrenti rrizulta li l-mittenti kellu u ghandu l-karta′ tal-identita` rregistrat fuq il-fond *de quo agitur* (kopja tar-registru elettorali hawn annessa u mmarkat bhala dok EL 002), kif ukoll iddepozita taht l-awtorita` tal-Qorti xi flejjes allegatament versu kirja, liema kirja m′hiex dokumentata imkien;

Illi qabel mas-socjeta′ rikorrenti intavolat din l-azzjoni interpellat lil mittenti permezz ta′ ittra legali datat nhar it-18 ta′ Frar 2019 (kopja hawn annessa u mmarkat bhala dok EL 003), kif ukoll permezz ta′ ittra ufficjali datat nhar il-11 ta′ April 2019 (kopja hawn annessa u mmarkat bhala dok EL 004), fejn talbitu sabiex fi zmien hamest (5) ijiem minn meta jircievi l-ittra ufficjali, jipprovdi kopja tal-kuntratt u/jew xi forma ta′ dokument iehor illi bih l-mittenti possibbilment kien qed jivvanta xi forma ta′ pretensjonijiet ta′ titolu fuq il-proprjeta′ *de quo agitur;*

Illi l-istess ittra ufficjali datata nhar il-11 ta′ April 2019 kienet ippubblikata *ai termini* tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta′ Malta fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll f′gurnal ta′ kuljum (kopja tal-Gazzetta tal-Gvern u il-gurnal *Malta Independent* hawn annessi u mmarkati bhala dok EL 005 u EL 006 rispettivament);

Illi minkejja l-interpellazjonijiet u il-pubblikazzjoni l-istess l-mittenti naqas milli jipprovdi xi kopja tal-kuntratt u/jew forma ta′ dokument illi bih l-mittenti jista′ possibbilment jivvanta xi forma

ta' pretensjonijiet ta' titolu fuq il-propjeta` *de quo agitur* u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova l-intimat ghandu jigi zgumbrat mill-fond 49, Flat 3 Triq San Patrizju l-Belt Valletta, Malta;

Illi ghalhekk fl-opinjoni tas-socjeta` rikorrenti, l-intimat m'ghandu ebda eccezzjonijiet x'jaghti w ghalhekk jissussistu r-rekwiziti sabiex din il-kawza tista' tigi deciza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghaldaqstant s-socjeta` rikorrenti ma kellhiex triq ohra hlief illi tiftah dawn il-proceduri;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 u cioe bid-dispensa tas-smiegh;
2. Tordna lill-intimat Jason Galea jizgombra mill-fond numru 49, Flat 3 Triq San Patrizju l-Belt Valletta Malta u tiffissa terminu qasir u perentorju ghal dan il-ghan, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kollha relatati ma din il-procedura nkluzi dawk tal-ittri legali tat-18 ta' Frar 2019 u dik ufficjali tal-11 ta' April 2019 kontra l-intimat li minn issa jibqa' ingunti ghas-subizzjoni tieghu.'

Rat illi l-intimat debitament notifikat fl-atti naqas mill-jattendi ghas-smiegh tal-kawza bil-giljottina w'ghalhekk gie dikjarat kontumaci.

Rat illi fil-verbal tal-lum l-attrici talbet li l-kawza tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat l-affidavit ta' Edward Licari a fol. 4 tal-process;

Rat ukoll illi l-istess Edward Licari illum stess seduta stante kkonferma il-kontenut ta' l-istess affidavit;

Rat il-kuntratt pubbliku esebit a fol. 5 tal-process li jevidenzja illi l-proprjeta' in kwistjoni fir-rikors guramentat u li minnha qed jintalab l-izgumbrament tal-intimat hija appuntu proprjeta' tas-socjeta' attrici;

Rat id-dokumentazzjoni l-ohra annessa fosthom Ittra Ufficcjali datata 11 ta' April, 2019 indirizzata lil Jason Galea fl-indirizz tal-proprjeta' in kwistjoni li nonostante d-diversi tentattivi ghal notifika ma gietx notifikata.

Rat illi saret id-debita affissjoni kif ukoll pubblikazzjoni, izda nonostante dan l-intimat illum imsejjah diversi drabi ma deherx.

Tqis illi mid-dokumentazzjoni kollha u l-provi kollha jirrizulta u nuqqas ta' kwalunkew kontestazzjoni da parti tal-intimat, illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma gustifikati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 u cioe` bid-dispensa tas-smigh;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat Jason Galea jizgombra mill-fond numru 49, Flat 3 Triq San Patrizju, l-Belt Valletta, Malta u tiffissa terminu ta' xahar mid-data ta' din id-decizjoni ghall-istess zgumbrament.

L-ispejjez kollha kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**6 ta' Frar 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Frar 2020**